31992L0022

14.5.1992 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 129/11

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/22/KEE

tal-31 ta' Marzu 1992

dwar it-tqegħid tal-ħġieġ tas-sigurtà fit-twieqi u l-materjali tal-ħġieġ għat-tqegħid fit-twieqi fuq vetturi bil-mutur u fuq it-*trailers* tagħhom

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

F'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi għandhom jiġu adottati miżuri bl-għan li jistabbilixxu b'mod progressiv is-suq intern fuq perjodu taż-żmien li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 1992; billi s-suq intern jikkomprendi firxa mingħajr fruntieri interni li fiha jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija, il-persuni, is-servizzi u l-kapital;

Billi l-metodu ta' l-armonizzazzjoni totali jrid ikun essenzjali sabiex jinkiseb is-suq waħdieni għal kollox;

Billi dan il-metodu jkollu jintuża fiż-żmien tar-reviżjoni tal-proċedura kollha ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip, filwaqt li jitqies l-ispirtu tar-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 li tirrigwarda approċċ ġdid għall-kwistjoni ta' l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni teknika;

Billi l-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mat-tqegħid tal-ħġieġ tas-sigurtà fit-twieqi ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi huwa konsegwentment meħtieġ illi l-istess ħtiġiet jiġu adottati mill-Istati Membri kollha, jew b'żieda ma' jew minflok ir-regoli eżistenti, sabiex, b'mod partikolari, jippermettu l-implimentazzjoni, għal kull tip ta' vettura, tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip koperta bid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni skond it-tip tal-vetturi bil-mutur u t-*trailers* tagħhom ([4]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 87/403/KEE ([5]);

Billi kull regola dwar il-ħġieġ tas-sigurtà għat-tqegħid fit-twieqi għandu jkollha mhux biss il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-istruttura tiegħu iżda wkoll mat-twaħħil tiegħu fil-vetturi;

Billi permezz ta' proċedura armonizzata għall-approvazzjoni skond it-tip tal-komponent tal-ħġieġ tas-sigurtà għat-tqegħid fit-twieqi, kull Stat Membru għandu jkun kapaċi li jikkonferma l-konformità mal-ħtiġiet komuni li għandhom x'jaqsmu mal-fabbrikazzjoni u t-testjar u li jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra dwar kull konferma minn dawn billi jibgħat kopja taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni skond it-tip tal-komponent imħejji għal kull tip ta' ħġieġ tas-sigurtà għat-tqegħid fit-twieqi; billi t-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponenti ma' kull tip ta' ħġieġ tas-sigurtà għat-tqegħid fit-twieqi li jikkonforma mat-tip li jkun ġie skond it-tip tal-komponent approvat ifisser illi t-testjar uffiċjali ta' dan it-tip ta' ħġieġ għat-tqegħid fit-twieqi fi Stati Membri oħra ma għadux iġġustifikat;

Billi l-aspett tas-sigurtà tal-*windscreens* huwa speċjalment importanti ġaladarba illi, aktar milli fil-każ ta' tipi oħra ta' ħġieġ għat-tqegħid fit-twieqi, x'aktarx li jiġu ssoġġettati għal impatt vjolenti jew b'riżultat ta' kolliżjonijiet jew fejn ikun hemm xokkijiet esterni u jistgħu għalhekk ikunu l-każun ta' ferimenti gravi fuq il-ġisem; billi filwaqt li tiġi mmirata l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri, li d-differenzi ta' bejniethom li joħolqu ostakoli għall-kummerċ, is-soluzzjoni li trid tiġi adottata għandha tqis il-ħtiġiet tas-sigurtà tat-traffiku fuq it-triq u l-ħtieġa li dawn jiġu mtejba,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom japprovaw skond it-tip kull tip ta' ħġieġ tas-sigurtà għat-tqegħid fit-twieqi fl-iskop definit fit-Taqsima 1 ta' l-Anness I li jilħaq il-ħtiġiet strutturali u tat-testijiet.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni skond it-tip tal-vettura sħiħa lil kull vettura li tikkonforma mal-ħtiġiet tat-twaħħil stabbiliti fl- Anness III.

3. L-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiverifika, safejn u sakemm ikun meħtieġ u jekk ikun hemm il-ħtieġa f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra, illi l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat.

L-Artikolu 2

L-applikazzjonijiet kollha għall-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent għandhom isiru mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fi Stat Membru. Dan l-Istat Membru għandu joħroġ lill-fabbrikant jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu marka ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent skond l-intestaturi 4.4 sa 4.7 ta' l-Anness II għal kull tip ta' ħġieġ tas-sigurtà għat-tqegħid fit-twieqi u li huwa japprova skond it-tip skond l-Artikolu 1.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jipprevjenu l-użu ta' kull marka li tista toħloq konfużjoni bejn oġġetti ta' ħġieġ tas-sigurtà għat-tqegħid fit-twieqi li jkunu diġà ġew approvati għat-tip skond l-Artikolu 1.

([1]) ĠU C 95, tat-12. 4. 1990, p. 1.
([2]) ĠU C 284, tat-12. 11. 1990, p. 80 u d-Deċiżjoni tat-12. 2. 1992 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU C 225, tal-10. 9. 1990, p. 9.
([4]) ĠU L 42, tat-23. 2. 1970, p. 1.
([5]) ĠU L 220, tat-8. 8. 1987, p. 44.

L-Artikolu 3

L-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru, għandhom, fi żmien xahar, jibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra kopja taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent imħejji għal kull tip ta' ħġieġ tas-sigurtà għat-tqegħid fit-twieqi u rigward it-twaħħil tiegħu, għal kull tip ta' vettura li liha jagħtu approvazzjoni skond it-tip tal-vettura sħiħa.

L-Artikolu 4

L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi l-marketing jew l-użu ta' ħġieġ tas-sigurtà għat-tqegħid fit-twieqi għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni tiegħu fejn dan il-ħġieġ ikun fih il-marka ta' l-approvazzjoni tal-KEE tat-tip tal-komponent.

L-Artikolu 5

1. Jekk l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent isib illi numru ta' oġġetti tal-ħġieġ tas-sigurtà għat-tqegħid fit-twieqi li jġorr l-istess marka ta' approvazzjoni skond it-tip tal-komponenti ma jikkonformax mat-tip approvat, għandu jieħu l-mużuri meħtieġa sabiex jiżgura illi l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw ma' dan. L-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat għandhom jagħtu parir lil dawn l-Istati Membri l-oħra dwar il-miżuri meħuda, li jistgħu, fejn meħtieġ, jestendu għall-irtirar ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent. L-awtoritajiet imsemmija għandhom jieħdu l-istess miżuri jekk jiġu mgħarrfa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor b'dan in-nuqqas ta' konformità.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lil xulxin, fi żmien xahar, dwar kull irtirar ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent, u dwar ir-raġunijiet għal din il-miżura.

3. Jekk l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent jikkontesta n-nuqqas tal-konformità nnotifikata lilu, l-Istati Membri interessati għandhom jippruvaw isolvu l-kontestazzjoni. Il-Komunità għandha tinżamm imgħarrfa u għandha, fejn meħtieġ, tiftaħ konsultazzjonijiet approprjati bl-għan li tintlaħaq soluzzjoni.

L-Artikolu 6

Kull deċiżjoni meħuda skond id-dispożizzjonijiet adottati fl-implementazzjoni ta' din id-Direttiva sabiex tiġi rrifjutata jew irtirata approvazzjoni skond it-tip tal-komponent, jew li tipprojbixxi l-bejgħ u l-użu, għandha tiddikjara fid-dettal ir-raġunijiet li fuqha tkun ibbażata. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-parti interessata, li għandha fl-istess ħin tiġi mgħarrfa dwar ir-rimedji disponibbli lilha fil-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru fil-kwistjoni u dwar il-limiti taż-żmien permessi sabiex jiġu eżerċitati dawn ir-rimedji.

L-Artikolu 7

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip jew l-approvazzjoni nazzjonali skond it-tip ta' tip ta' vettura, jew jirrifjuta jew jipprojibixxi l-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' vettura, għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħġieġ tagħha tas-sigurtà għat-tqegħid fit-twieqi jekk dan iġorr il-marka ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent u jekk ikun ġie mwaħħal skond il-ħtiġiet iddikjarati fl-Anness III.

L-Artikolu 8

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fuq it-triq, li għandha mill-inqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata ta' aktar minn 25 km fis-siegħa kif ukoll it-*trailer* tagħha, bl-eċċezzjoni tal-vetturi li jimxu fuq il-binarji, il-vetturi tal-ġarr jew il-makkinarju agrikolu u tal-foresti, u l-impriżi u t-tagħmir tal-kostruzzjoni.

L-Artikolu 9

Kull emenda meħtieġa sabiex tadatta l-ħtiġiet ta' l-Annessi mal-progress tekniku għandha tiġi adottata skond il-proċedura ddikjarata fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

L-Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Lulju 1992 u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni minnufih bihom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva u għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Ottubru 1992.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 11

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Marzu, 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

Vitor MARTINS

IL-LISTA TA' L-ANNESSI

L-ANNESS 1	L-iskop u d-definizzjonijiet
L-ANNESS II	Il-ħġieġ għat-tqegħid fit-twieqi – il-ħtiġiet tal-kostruzzjoni u tat-testijiet, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent, l-għoti tal-marka, l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent, l-emenda jew l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent, il-konformità mal-mudeli tal-produzzjoni u l-penali għan-nuqqas tal-konformità tal-produzzjoni
L-ANNESS II A	Il-kondizzjonijiet ġenerali tat-test
L-ANNESS II B	Il-windscreen ordinarju llaminat
L-ANNESS II Ċ	Il-*windscreens* magħmula minn ħġieġ illaminat ittrattat
L-ANNESS II D	Il-windscreen ta' ħġieġ tal-plastik
L-ANNESS II E	Il-formazzjoni ta' gruppi ta' windscreents għat-testijiet ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent
L-ANNESS II F	Il-proċedura li L-L-Appendiċi 5 stabbiliti ż-żoni tat-testijiet fuq il-*windscreens* tal-vetturi tal-kategorija M1 f'relazzjoni mal-punti "V"
L-ANNESS II G	Il-proċedura sabiex jiġi stabbilt il-punt "H" u l-angolu veru tat-torso għall-pożizzjonijiet bilqiegħda tal-passiġġieri fil-vetturi bil-mutur
L-ANNESS II H	Il-ħġieġ għat-tqegħid fit-twieqi msaħħaħ b'mod uniformi
L-ANNESS II I	Il-ħġieġ illaminat għat-tqegħid fit-twieqi għajr għall-*windscreens*
L-ANNESS II I	Il-plastik għat-tqegħid fit-twieqi għajr għall-*windscreens*
L-ANNESS II K	Il-ħġieġ tas-sigurtà miksi bil-plastik għat-tqegħid fit-twieqi (fuq il-wiċċ ta' ġewwa)
L-ANNESS II L	Il-ħġieġ doppju għat-tqegħid fit-twieqi
L-ANNESS II M	Il-kejl ta' l-għoli tas-segment u tal-pożizzjoni tal-postijiet ta' l-impatt
L-ANNESS II N	Eżempji tal-marki ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent
L-ANNESS II O	Il-kontrolli dwar il-konformità tal-produzzjoni
L-ANNESS II P	Il-kommunikazzjoni li tirrigwarda l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent / l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent / ir-rifjut ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent jew il waqfien finali tal-produzzjoni ta' tip ta' ħġieġa tas-sigurtà
L-Appendiċi 1	Il-*windscreens* tal-ħġieġ illaminat
L-Appendiċi 2	Il-*windscreens* tal-ħġieġ tal-plastik
L-Appendiċi 3	Ħġieġ imsaħħaħ b'mod uniformi
L-Appendiċi 4	Ħġieġ illaminat għajr għall-*windscreens*
L-Appendiċi 5	Ħġieġ tal-plastik għajr għall-*windscreens*
L-Appendiċi 6	Unitajiet ta' ħġieġ doppju għat-tqegħid fit-twieqi
L-Appendiċi 7	Il-kontenut tal-lista tal-*windscreens*
L-ANNESS III	Il-Vetturi – Il-ħtiġiet li jirrigwardaw it-twaħħil fil-vetturi tal-*windscreens* u l-ħġiġiet għajr għall-*windscreens*
L-Appendiċi	L-Anness maċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni skond it-tip tal-vettura rigward it-twaħħil tal-ħġieġ tas-sigurtà għat-tqegħid fit-twieqi

L-ANNESS I

L-ISKOP U D-DEFINIZZJONIJIET

Ara: Id-Direttiva tal-Kummissjoni (KE) Nru 2001/92, ĠU L 291, tat-8.11.2001, pp. 0024 – 0047.

L-ANNESS II

IL-ĦĠIEĠ GĦAT-TQEGĦID FIT-TWIEQI – IL-ĦTIĠIET STRUTTURALI U TAT-TESTIJIET, L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAL-KEE SKOND IT-TIP TAL-KOMPONENT, IL-GĦOTI TAL-MARKA, L-APPROVAZZJONI TAL-KEE SKOND IT-TIP TAL-KOMPONENT, L-EMENDA JEW L-ESTENSJONI TA' L-APPROVAZZJONI TAL-KEE SKOND IT-TIP TAL-KOMPONENT, IL-KONFORMITÀ TAL-MUDELLI TAL-PRODUZZJONI U L-PENALI GĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Ara: Id-Direttiva tal-Kummissjoni (KE) Nru 2001/92, ĠU L 291, tat-8.11.2001, pp. 0024 – 0047.

L-ANNESS III

IL-VETTURI – IL-ĦTIĠIET LI JIRRIGWARDAW IT-TWAĦĦIL TAL-WINDSCREENS U L-ĦĠIEĠ GĦAT-TQEGĦID FIT-TWIEQI GĦAJR GĦALL-WINDSCREENS GĦALL-VETTURI

1. Il-*windscreens* u l-ħġiġiet għajr għall-windscreens għandhom jitwaħħlu hekk illi, minkejja t-tensjonijiet li l-vettura tiġi ssoġġettata għalihom fil-kondizzjonijiet normali tax-xogħol, jibqgħu fil-pożizzjoni u jissoktaw joffru viżibbiltà u sigurtà lill-okkupanti tal-vettura.

2. Għall-vetturi bil-mutur kollha fil-kategoriji M u N, għandhom isiru l-investigazzjonijiet li ġejjin:

2.1. Il-*windscreen* iġorr il-marka approprjata ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent speċifikata fl-intestatura 4.4 ta' l-Anness II, segwita minn waħda mis-simboli addizzjonali pprovduti fl-intestatura 4.5.1 ta' l-Anness II.

2.1.1. Il-*windscreen* ikun approvat skond it-tip għat-tip tal-vettura li fuqha jitwaħħal.

2.1.2. Il-*windscreen* jiġi mwaħħal bil-mod korrett b'referenza għall-punt "R" tal-vettura. Din il-verifika tista' ssir jew fuq il-vettura jew fuq tpinġijiet, bl-għażla tal-fabbrikant tal-vettura.

2.2. It-twieqi tal-ġenb u ta' wara jġorru l-marka approprjata ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip speċifikata fl-intestatura 4.4 ta' L-Anness II. It-twieqi tal-ġnub u ta' wara li minnhom tinkiseb jew il-firxa tal-viżjoni 'l quddiem tax-xufier ta' 180° jew li minnha l-firxa indiretta tal-viżjoni tax-xufier tinkiseb permezz ta' mirja għal fuq wara interni jew esterni li jħarsu l-ħtiġiet tad-Direttiva 71/127/KEE, ma jġorrux is-simbolu addizzjonali pprovdut fl-intestatura 4.5.2 ta' l-Anness II.

2.3. Il-ħġieġ għat-tqegħid fit-twieqi fis-soqfa li jinfetħu iġorr il-marka ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent speċifikata fl-intestatura 4.4 ta' l-Anness II. Is-soqfa li jinfetħu jistgħu jġorru s-simbolu addizzjonali pprovdut fl-intestatura 4.5.2 ta' l-Anness II.

2.4. Irid isir kontroll sabiex il-ħġieġ għat-tqegħid fit-twieqi, għajr għal dak indikat fl-intestaturi minn 2.1 sa 2 hawn fuq (per eżempju d-diviżorji interni), ikun fih il-marka ta' l-appovazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent speċifikata fl-intestatura 4.4 ta' l-Anness II segwit fejn approprjat bis-simbolu addizzjonali pprovdut fl-intestatura 4.5.2 ta' l-Anness II.

3. Għall-vetturi kollha fil-kategorija 0, irid isir kontroll li l-ħġieġ għat-tqegħid fit-twieqi jġorr il-marka ta' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-komponent speċifikata fl-intestatura 4.4 ta' l-Anness II segwit, fejn approprjat, bis-simbolu addizzjonali pprovdut fl-intestatura 4.5.2 ta' l-Anness II.

L-Appendiċi

L-ANNESS MAĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI SKOND IT-TIP TAL-VETTURA RIGWARD IT-TWAĦĦIL TAL-ĦĠIEĠ TAS-SIGURTÀ GĦAT-TQEGĦID FIT-TWIEQI

(l-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tal-KEE skond it-tip tal-vetturi bil-mutur u t-*trailers* tagħhom)

Ara: Id-Direttiva tal-Kummissjoni (KE) Nru 2001/92, ĠU L 291, tat-8.11.2001, pp. 0024 – 0047.